**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 05 ta' Diċembru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Isssam Bahloul detentur tal-Karta tal-Identita` numru 71814L**

Kumpilazzjoni Nru. 261/2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Issam Bahloul talli:

1. Fl-4 ta' Frar, 2015, għall-ħabta tas-01:20 ta' filgħodu fi Triq it-Torri, l-Imsida, volontarjament għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli, meta għamel ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DGY 094 ta' għamla Peugeot għad-detriment ta' David Cuschieri, liema ħsara ma tiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2500)

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

Rat li waqt l-udjenza tal-11 t' Ottubru, 2016, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi f'dawn l-atti baqa' ma giex pruvat l-ammont tad-danni subiti fuq il-vettura Peugot DGY094 u dan peress li l-istima esebita tinkludi spejjez li <u>jmorru oltre` dawk li tipprevedi l-ligi penali bhala rizarcibbli fi proceduri simili</u>. Fil-fatt il-Qorti ser tkun ferm kawta dwar il-fatt li l-parte leza ghazelt li tinkludi zewg vetturi ohra li ma saritilhom ebda hsara ghal '*dismantling, spray painting u assembly*' kif ukoll ghal '*loss of use*' taghhom!. Jispetta ghalhekk lil din l-Qorti tasal biex tiddetermina l-ammont tal-hsara u cioe` dak li ghandu jigi rizarcit mill-imputat abbazi ta' din l-istess stima prezentata.

Illi kif jixhed id-dokument a fol. 8 id-differenza bejn *loss of use* ghal jumejn u tlett ijiem (fuq vetturi li ma saritilhom ebda hsara) tirrizulta li tammonta ghal €144[1]; dan ifisser li kull gurnata giet smata li tiswa €144 unikament ghal *loss of use.* Ghalhekk rigward il-Peugot DGY094, fejn hemm indikat *"loss of use 9 days"* ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €144 ghal disat ijiem u cioe' €1,296 bil-bilanc jibqa dak ta' **€127**. Irid ukoll jigi sottolinejat li mhux spjegabbli kif *panel beater* jippresta ruhu sabiex filwaqt li jaghmel stima ghal *"For dismantle, assembly and spray painting"* joffri stimi dwar *'loss of use'*! Aktar kummenti dwar din l-*invoice,* bla firma u li baqghet ma gietx konfermata, huma superfluwi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati dwarhom l-imputat, il-fedina penali netta tal-istess imputat, il-fatt li mal-ewwel l-imputat ammetta l-involviment tieghu u wera li kien lest ihallas lil parte leza ghad-danni minnu sofferti. Gara izda li kif ntqal il-parte leza approfitat ruha mhux ftit mid-delitt kif ammess mill-imputat u kien ghalhekk li ma saritx ammissjoni aktar bikrija f'dawn l-atti ghalkemm din dejjem kienet l-intenzjoni tal-imputat kif gie dikjarat tul il-proceduri odjerni fejn intweriet l-intenzjoni tieghu li jiehu li haqqu izda mhux li jigi sfruttat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Tordna li ai termini tal-Artiklu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ihallas l-ammont ta' €127 lill-parte leza fi zmien xahar millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**

---

[1] 312.00 -168.00 li jinkludu *loss of use* 3 ijiem u jumejn rispettivament.